MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 170/2011

**A B**
**vs**
**C D gja B**

**Il-Qorti,**

PREAMBOLU

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B li permezz tieghuippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-18 ta' Ottubru 1997;

2. Illi llum huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi tal-25 ta' Novembru 2003;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet jew minn minnhom, ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi wkoll il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom, ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

6. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom, kien marbut ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skont it-termini ta' l-Artikolu 19 (1) (c) (d) (f) u (g) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Titlob lil din il-Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponent u l-konvenuta huwa null u bla effett.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur u l-elenku tad-dokumenti pprezentati;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li esponiet illi:

1. Huwa minnu dak li qal ir-rikorrenti fir-rikors tieghu illi l-kontendenti izzewgu fit-18 ta' Ottubru 1997 u li llum huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi tal-25 ta' Novembru 2003;

2. Tichad kategorikament illi n-nullita’ taz-zwieg tal-kontendenti hija attribwibbli ghaliha, ghaliex minn naha taghha ma kien hemm ebda vizzju fil-kunsens illi jikkomporta n-nullita’ taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti.

3. Hi kienet taf sew x'kienet qed taghmel meta hija kienet tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg, u dan ghamlitu ghaliex hija kienet thobb lir-rikorrenti u kellha l-intenzjoni li flimkien jghixu hajja mizzzewga, u qatt ma rabtet il-kunsens taghha ma' xi kundizzjoni li tirreferi ghall-futur. Fil-fatt kien ir-rikorrenti stess illi ma fehemx xi jfisser zwieg, u dan kif ser jigi pruvat waqt l-andament tal-kawza;

4. Il-partijiet izzewgu wara gherusija ta' erbgha (4) snin, u dahlu ghar-rabta taz-zwieg volontarjament u minghajr ebda pressjoni;

5. Jekk kien hemm xi qerq dwar xi kwalita' dana zgur ma kienx minn naha tal-intimata, illi dahhlet fiz-zwieg hawn fuq imsemmi *in buona fede*, u bl-intenzjoni illi tibni familja mar-rikorrenti.

6. L-agir tar-rikorrenti sa minn qabel ma zzewgu l-partijiet juri illi huwa qatt ma fehem x'inhuma, jew almenu li huwa ma kienx kapaci jonora l-obbligi li jgib mieghu iz-zwieg, u sahansitra, sa mill-bidu tal-gherusija taghhom huwa kien diga beda jkollu relazzjonijiet ma' nisa ohra u jirrendi ruhu hati ta' vjolenza kemm psikologika kif ukoll fizika kontra l-intimata illi minn naha taghha, minhabba illi hija kienet verament thobb lir-rikorrenti, kienet dejjem lesta li tahfirlu u kienet temmen illi l-affarijiet setghu jinbidlu ghall-ahjar wara li jizzewgu;

7. Hija dejjem ghamlet mezz li tkun mara mizzewga, bl-obbligi u responsabbilitajiet kollha, u kienet kostretta tissepara minn mar-rikorrenti biss minhabba s-swat u s-sevizzi illi hija kienet ilha issofri minghandu sa mill-bidu tar-relazzjoni taghhom, li rrendew il-hajja konjugali bejniethom impossibbli.

8. Ghalhekk hija kkontrattat iz-zwieg mar-rikorrenti validament hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, u m'ghandhiex tkun hi li tbati l-ispejjez ta' dina l-kawza.

Talbet lil din il-Qorti sabiex fl-eventwalita' illi tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti null, tiddikjara lir-rikorrenti unikament responabbli ghal tali nullita' u konsegwentement tordna illi l-ispejjez kollha ta' dina l-kawza jithallsu minnu.

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-affidavits;

Semghet ix-xhieda viva voce;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet.[1]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat

**Provi**
Mill-provi mressqa jirrizulta illi wara erba (4) snin gherusija l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Ottubru 1997 u dan meta l-attur kellu wiehed u ghoxrin (21) sena u l-konvenuta kellha ghoxrien (20) sena. Waqt l-gherusija hareg li l-partijiet u l-familjari rispettivi taghhom kienu jhaddnu opinjoni politika diversa u diskussjonijiet fuq il-politika kienu jkunu spissi meta l-attur kien ikun ghand l-gharusa. Wara sentejn zwieg kellhom tifel. L-argumenti dwar il-politka tul il-hajja mizzewga ma naqsux u dan beda jfarrak iz-zwieg sakemm wasal fil-qofol tieghu mar-rizultat tar-Referendum f'April 2003, ghax wara argument shun tkisser iz-zwieg, l-intimata bdiet tohrog ghar-rasha ma' shabha u fil-25 ta' Novembru 2003 isseparaw legalment permezz ta' kuntratt.

***Verzjoni attur***
L-attur xehed permezz ta' affidavit[2]

Fix-xhieda tieghu l-attur jiddeskrivi l-familja tal-konvenuta bhala normali, kien ikun ghandhom ta' spiss u kien immur tajjeb maghhom eccetto battibekki li kienu jkunu dwar il-politika peress li l-politika kienet importanti ghaz-zewg familji u d-diffferenza fl-opinjoni kienet taqla argumenti mal-missier. Kien jaghmel xoghol volontarju ta' security ma' partit politiku. *'Tista tghid illi meta inkun fid-dar ta' omm u missier C bhala gharus, kont dejjem ser nispicca hazin, b'xi argument jew iehor dwar il-politika.......kien jibda bic-cajt u jibqa' ghaddej b'ton ta' cajt, sakemm il-kwistjoni kienet tisserja...........izda mbaghad l-affarijiet kienu jiggravaw. Jien kien ikolli nara kif nitlaq minn fejn inkun, anke minghand ommha u missierha sabiex ma nispiccawx bil-glied........... '*

[1] Fol. 94 u 101
[2] A fol. 18 et Seq.

Minkejja dan jghid li waqt l-gherusija din id-differenza ma tantx kienet teffettwa r-relazzjoni ta' bejniethom peress li kif jghid *'konna pjuttost konna nikkoncentraw fuq xulxin, milli fuq il-politika. Kull meta konna niggieldu fuq il-politika, il-bicca kienet malajr titmewwet, ghaliex wara li nohorgu flimkien, jiena kont immur id-dar u hi kienet tmur id-dar, u sa ma nerghhu niltaqghu il-kwistjoni tkun ghaddiet..'*

Nonostante dan l-attur kien ihoss: *'Kien jidher evidenti li b'dawn il-kwistjonijiet kollha ma konniex ser insahhu r-relazzjonijiet ta' bejnietna daqshekk tajjeb u malajr.'*

Fiz-zwieg l-istorja hadet xejra ohra differenti - *'Meta bdejna naffaccjaw lil xulxin u nghixu flimkien, din is-sitwazzjoni kollha bdiet issir intollerrabbli. Kif ghedt qabel, sakemm konna ghadna gharajjes, is-sitwazzjoni kienet passabbli, pero dak li C ma writx waqt l-gherusija f'dak li ghandha x'taqsam passjoni ghall-politka, hargitu kollu waqt iz-zwieg.'*

Sentejn wara z-zwieg twieled tifel, u inqalghu problemi ohra li bdew ikissru z-zwieg. Meta t-tifel kellu tlett snin incident li nqala' fuq kwistjoni politika gieghel lill-konvenuta titlaq mid-dar u tkisser iz-zwieg. Dwar dan l-incident l-attur jikkomenta: *'Issa li nhares lejn dawn is-snin nirrealizza, illi a kuntrarju ta' dak li qalet fir-risposta taghha ghall-kawza, C kien hsiebha biss biex taghti priorita' lil- affarijiet ohra u mhux liz-zwieg taghna. Il-hrug mal-hbieb taghha wahidha sa kmieni fil-ghodu, il-glied kbir u frekwenti fuq il-politika wassalna sa sitwazzjoni fejn ma kienx aktar possibbli li bil-karattri taghna, konna kif konna, naghmlu minn dan iz-zwieg success u nimxu 'l quddiem. .............jien iddispjacini li ma kontx indunajt kmieni b'dan l-aspett tal-karattru taghha, pero' ma kienx hemm x'naghmlu aktar ghajr li nisseparaw.'*

Skond l-attur il-konvenuta ma kellhiex diskrezzjoni ta' gudizzju peress li '*baqghet tohrog ma' hbiebha sal-hinijiet bikrin ta' fil-ghodu u dan anke meta kien gia twieled it-tifel...ma ddixxerniet xejn fuq dak li kien mehtieg minnha fil-hajja mizzewwga.'* - jsostni li l-konvenuta bidlet iz-zwieg mal-hrug ta' divertiment.

**Mary Galea** iz-zija ta' l-attur tixhed *'dwar ir-relazzjoni bejn A u C niftakar li jiena kont inkun id-dar ta' A ghax kellu ommu marida, kienu gharajjes...Kienu jkunu hemmhekk u kienu jargumentaw fuq il-politika ghax kellhom partiti opposti. Kull meta kont inkun id-dar ta' A dejjem smajthom jargumentaw. Kont inkun hemm ta' spiss..............Jiena kont narahom hemmhekk, ma kontx niltaqa' maghhom post iehor....Dwar l-argumenti nghid li baqghu sejrin allavolja nista' nghid li waqgfu ghal ftit zghira. Imbaghad izzewgu. Marru joqghodu fi flat Ghajn Qajjed, ir-Rabat u kull nhar ta' Hadd kienu jigu ghand ommhom ghall-ikel u dejjem jargumentaw ghax imbaghad C marret tahdem u bdiet fil-weekends titla' Paceville u thalli lil A bit-tifel...........Il-glied fuq il-politia kien jibda b'botta jew b'cajta u jispicca f'argument verbali. Ma riedetx taf bina. Dejjem bic-cira maghna l-qraba ta' A u dana mill-bidu taz-zwieg. Hi kienet tkun aktar ma' ommha milli maghna.'*[3]

***Verzjoni konvenuta***

**Il-konvenuta** tiffoka l-affidavit taghha fuq il-karattru u l-agir tal-attur fil-konfront taghha. Tghid li hija kellha 16 il-sena meta iltaqghet mal-attur - *'Ghall-ewwel l-affarijiet ma kienux jidhru daqshekk koroh' A kellu 18 il-sena.'* Pero aktar tard tixhed *'lilli kien jittrattani hazin, dejjem ghandu xi jmaqdar fuqi, li ma kontx helwa, kont qisni ragel ghax kelli xahri qasir u li*

[3] Fol. 22

*kont qisni qaddisa ghax ma kontx nhallih jaghmel sess mieghi.............Konna nkunu go bar partikolari fir-Rabat, A dejjem kollu kummenti fuqi, li ma kienu jkunu xejn sbieh, specjalment ghax kien jghidhom quddiem nies li qas biss kont nafhom. L-kummenti kienu 'ara jiena wkoll biex tghabbejt qas figura ta' mara m'ghandha.... dik noqghod maghha ghax nithassarha...dik mara ta' fuq television mela din il qieghed maghha... jiena ma nafx x'rajtilha biex ghadni maghha...'*

Barra minn dan, isemmi ukoll l-agir tieghu vjolenti fuq argumenti frivoli - l-ewwel episodju ta' swat minghand A li kienet inqalghet minhabba cajta u tghid li huh qalilha li kellu temperament li jitilghulu meta xi hadd jiccajta mieghu. Tirrakonta incidenti ohra *'imma jiena dejjem bqajt nittama li xi darba jinbidel.'*[4]

Tixhed li kien hemm zmien li kien jaqlibilha waqt l-gherusija. Tghid li l-attur ma kellux sens ta' finanzi u kien jonfoq bl-addocc. Tirrakonta fid-dettal incidenti ta' vjolenza fuqha minghand l-attur, kif kien jabbandunha u kif pero *'qatt ma kont nghid xejn lil hadd, ghax kien jghidli li jekk nitkellem joqtolni.'*[5]

L-attegjament kien ta' wiehed bully li jrid jumilja lill-mara kemm fizikament u kemm moralment. *'Ir-regoli li kien jimponi fuqi dawn imorru kontra dinjita' ta' kull bniedem f'wicc din id-dinja u ma ghandhomx jinghadu fil-konfront ta' hadd ahseb u ara tal-mara tieghek.......Nghid illi A attribwixxa l-falliment taz-zwieg taghna lili meta huwa kellu nuqqasijiet gravi li qatt ma setghu jhalluh ikun ragel tal-familja responsabbli.'*[6]

Fil-kontro-ezami il-konvenuta tinnega illi fiz-zmien ta' qabel iz-zwieg u anki wara z-zwieg kien ikollhom kwistjonijiet minhabba l-politika.

Dwar l-gherusija fil-kontro-ezami tghid li l-attur kien involut fil-politika imma qatt ma kellha ghalfejn tgerger. *'Dik kienet xi haga li kien ihobb jaghmel u mhux se nghidlu jiena biex ma jaghmiliex. Ma kontx narah imma kien icempel, kont incempillu jiena.'*

Dwar it-tfalja li kellu waqt li kien johrog mal-konvenuta, il-konvenuta tikkumenta: *'Meta inti tkun ma' xi hadd billi ghamel zball tipprova kemm jista' jkun dak l-izball twaqqfu. Sa fejn naf jiena, dak l-izball ma kellux jerga' jsir imma eventwalment kien isir ukoll. Jiena ippruvajt nahfer u ghidt forsi jinbidel, ghidt u iva dik ta' darba ghax kien ghadu zghir*.' Tikkonferma li kellha l-volonta' kollha sabiex tizzeweg: *'ridt nidhol fiz-zwieg'*[7]

Il-konvenuta tiddeskrivi l-attur bhala bniedem li '*Lil A tikkuntradixxihx, ghamel li jghid hu jekk ma tridx taqla xi xebgha......Ma kulhadd hekk mhux mieghi biss. U quddiem in-nies juri iktar who is the boss.'*

**KONSIDERAZZJONIJIET**
**L-Azzjoni**
L-attur fil-premessi tieghu qieghed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null ghaliex skont hu, l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom ghal dan iz-zwieg: i) kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal

[4] Affidavit konvenuta a fol 51
[5] Affidavit konvenuta a fol 53
[6] Fol 55
[7] kontro-ezami a fol. 80

dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; ii) kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att taz-zwieg; iii) kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga u iv) kien marbut ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (c) (d) (f) u (g) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenuta fil-premessi taghha tiddikjara illi hija kkontrattat iz-zwieg mar-rikorrenti validament, pero titlob li fl-eventwalita' illi l-Qorti tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti null, tiddikjara lir-rikorrenti unikament responsabbli ghal tali nullita' u konsegwentement tordna illi l-ispejjez kollha ta' dina l-kawza jithallsu minnu.

Artikolu 19 (1) jipprovdi illi:
B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:

- omissis -

*(c) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*
*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

- omissis -

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*
*(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.*

Ikkunsidrat

Kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: *"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jergħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor."*

*Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju.*"

Ikkunsidrat;
**Fir-rigward tas-sub inciz (c)** - jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga - jinghad is-segwenti:

L-ewwelnett irid jinghad li dwar dan is-sub-inciz (c) il-legislatur Malta llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata fil-kaz **John Borg vs Paula sive Polly Borg** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995) fejn gie osservat li:- *"kieku dak il-paragrafu 19 (1) (c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-porpjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg."*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and established the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and in this sense, they are merely arbitrary or trivial".* (**VViladrich P.J. Matrimonial Consent, Code of Canon Law** Annot. - Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleru, Montreal).

In tema legali rigwardanti l-kuncett generali tal-"Qerq", Issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina vs Bentanfous Amor** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002, fejn gie dikjarat li *"kwantu ghall- 'qerq'...........dan certament hu motiv ta' nullita' tal-ftehim tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981 (1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero' ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi ppruvat (Artikolu 981 (2.) Il-qerq irid ikun tali li jkun jista' jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta'".*

F'sentenza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale et nomine** moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002 gew elaborati l-elementi li jikkostitwixxu dan il-caput nullitatis. Jinghad hekk:-

*"Sabiex ikun hemm nullita' ta' zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita':*
*1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;*
*2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;*
*3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;*
*4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;*
*5. tigi mistura frawdolment sabiex jigi ottjenut il-kunsens matrimonjali;*
*6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta,. ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali.*

Il-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skont dana is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (**"Fattah, xebba Perry vs Dr A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta' Novembru 1982) Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-sub-artikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Applikati dawn il-principji ghall-kawza odjerna, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. L-attur jallega li l-konvenuta ma wrietx il-passjoni li kellha ghall-politika waqt l-gherusija u wkoll li l-konvenuta *'kien hsiebha biss biex taghti priorita' lill-affarijiet*

*ohra u mhux liz-zwieg taghna. Il-hrug mal-hbieb taghha wahidha sa kmieni fil-ghodu, il-glied kbir u frekwenti fuq il-politika wassalna sa sitwazzjoni fejn ma kienx aktar possibbli li bil-karattri taghna, konna kif konna, naghmlu minn dan iz-zwieg success u nimxu 'l quddiem. .............jien iddispjacieni li ma kontx indunajt kmieni b'dan l-aspett tal-karattru taghha, pero' ma kienx hemm x'naghmlu aktar ghajr li nisseparaw.'* Dan l-attur ikkonsidrah bhala qerq min naha tal-konvenuta; pero mill-provi jirrizulta, specjalment mix-xhieda tal-attur, li l-passjoni tal-politika dejjem kienet ezistenti fiz-zewg partijiet minn qabel iz-zwieg; l-attur kien konxju ta' dan u kien accetta il-fatt li ma jablux, ghalkemm jghid li: "*b'dawn il-kwistjonijiet kollha ma konniex ser insahhu r-relazzjonijiet ta' bejnietna daqshekk tajjeb u malajr.'*

Dwar il-fatt li l-attur jallega li l-konvenuta kellha kwalita' li thobb tohrog wahedha, liema kwalita' hbiet b'qerq fil-mument tal-kunsens taz-zwieg, jinghad li skont ix-xhieda taz-zija ta' l-attur, kien meta iz-zwieg beda jitkisser li l-konvenuta kienet bdiet tohrog wahedha ma' hbiebha. Allura f'dan il-kaz ukoll ma kienx hemm qerq.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti din il-kawzali ma gietx ippruvata u l-premessa imsejsa fuq is-sub inciz (c) fuq citat ma treggix.

**Fir-rigward tas-sub inciz (f)** jinghad is-segwenti:
Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni fis-sens illi ghalkemm kien ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fis-sentenza "**Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine**" (P.A. RCP 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe saret simulazzjoni parzjali.*

Fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) inghad li *"wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estermi tal-annullament taz-zwieg".*

Dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn wiehed ma jkollux intenzjoni li jizzewweg sabiex jghix hajja konjugali pacifika ma' martu jew ma’ zwiegu biss u miftuh ghall-prokreazjoni tat-tfal, izda jkun qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri. Fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu l-attur issottometta li l-konvenuta dahlet ghaz-zwieg u eskludiet “l-element ta’ l-esklussivita’”. Jghid li l-konvenuta bidlet iz-zwieg mal-hrug ta’ divertiment. Jghid hekk: “Bl-agir taghha, kemm ghall-hrug mal-hbieb fuq imsemmi, kif ukoll minhabba l-appartenenza taghha akkost ta’ kollox ghat-twemmin politiku taghha, il-konvenuta ma tatx lok sabiex dan iz-zwieg igawdi mill-esklussivita’ mehtiega miz-zwieg kif nifhmuh, bejn mara u ragel wiehed”.

Minn ezami tal-provi mressqa jirrizulta li l-partijiet ihaddnu fehmiet politici diversi li kien il-kagun ta’ diversi disgwid bejniethom. Dan pero’ ma jikkwalifikax ghall-caput nullitatis

kontemplat fl-Artikolu 19 (1) (f). Kuntrast fuq fehmiet politici la jammonta ghall-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg u lanqas ta' xi wahda mill-elementi li jikkostitwixxu z-zwieg bhal per ezempju l-obbligu tal-fedelta'. Qabel ma zzewgu il-partijiet kienu ben konxju tad-diversita' fl-opinjoni politika taghhom. Il-pretensjoni tal-attur illi tali diversita' fil-fehmiet politici rispettivi tal-partijijet twassal ghall-annullament taz-zwieg, ma fiha l-ebda fondament legali. Tikkonkludi ghalhekk din il-Qorti fir-rigward tal-caput nullitatis in dizamina illi ma ngabu l-ebda provi li jindikaw li xi hadd mill-partijiet kien qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg b'xi intenzjoni li jeskludi z-zwieg innifsu jew xi element essenzjali tieghu.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti il-premessa imsejsa fuq is-sub inciz (f) ma gietx sostanzjata.

**Fir-rigward tas-sub inciz (g)** li tipprovdi illi :-
*(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.*

Jinghad is-segwenti:
**J. Edward Hudson** fil "**Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pagna 107 jghid *"a condition could either be suspensive or resolutiv. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. 'I will live in marriage with you unitl I find someone who is more wealthy than you.'*

Skont **George V. Lobo** - ( **"The New Marraige Law"** - 1997) *"it may be noted that a marriage is truly conditional if (1) the condition proceeds from a positive act of will although this may be implicit; (2) must have been freely placed; (3) must have been present and not revoked at the time of marriage".*

Skont kif inghad fil-kawza **"Emanuel Walter Vella vs Moa Lisa Vella** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) "*huwa importanti li wiehed jinnota li din l-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur."*

Mill-provi prodotti miz-zewg partijiet ma hemm xejn li jista' jigi b'xi mod konsidrat li jammonta ghal dak kontemplat fis-sub-inciz 1 (d) in dizamina. Tant hu hekk illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur lanqas biss jaghmel accenn ghal dan il-caput nullitatis.

Tiddikjara ghalhekk illi l-premessa tal-attur imsejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (g) tal-Kap 255 ma gietx sostanzjata.

Ikkunsidrat;

**Fir-rigward tas-sub inciz (d)** jinghad is-segwenti:
Biex l-azzjoni tirnexxi ab bazi tas-sub inciz (d) trid qabel xejn issir il-prova li il-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Fil-kawza "**Atkins Charles Vs Atkins Matilde"** (P.A. 2 ta' Ottubru 2003) saret esposizzjoni dettaljata tal-portata tas-sub inciz in dizamina. Inghad hekk:-
*"Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe*

*ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonajali taghhom.*

Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet "**Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph"** (P.A. 29 ta' Mejju 2003) *" B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalisiasi stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga."*

Fuq l-istess binarju ta’ hsieb hi s-sentenza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) fejn gie dikjarat illi jkun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita’ psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." (*ara wkoll **Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"** P.A., 10 ta' Novembru 1995)

Kif gie ritenut imbaghad fil-kawza "**Janet Portelli v. Victor Portelli"** (P.A. 14 ta' Awissu 1994) *"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3)or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

Fil-kawza **Tonna v Tonna** (Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-31 ta' Jannar 1996 dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju intqal li "*dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-*

*maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita' affettiva wiehed , naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

(“**Anna Tonna vs Alexander Tonna”** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991). Dan japplika f’kull kawża ta’ annullament ta’ żwieg anke fejn ikun hemm semplici ammissjoni.

L-istess sentenza tkompli tghid: *"li parti fiz-zwieg li ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju" B'immaturita' affettiva wiehed, naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

Tenut kont li l-artikolu tal-ligi in dizamina huwa riproduzzjoni tal-Canone 1095 tal-Kodici Kononica il-Qrati taghna spiss iccitaw studji fuq dan l-artikolu tal-Ligi Kanonika.

Dwar il-frazi 'difett serju' ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jinghad hekk f'decizjoni iccitata mill-awturi fuq is-suggett:
*'discretion of judgement that is proportionate to marriage demands the capacity firstly of understanding the essential obligations of marriage, at least in substance and secondly of freely choosing to assume those obligations. As regards the capacity of understanding a speculative or abswtract understanding is not enough; one must also have a practical understanding which presupposes experience in lviing, about the particular marriage to be celebrated, with this person, in these circumstances, with some understanding of the particular difficulties both present and future insofar as they can be seen and with a sense of the responsiblity and seriousness of the obligations that are being undertaken. as regards the capacity of freely chossing marriage, it is required that the decision to enter marriage be based on reasonable motives after sufficient deliberation and not on pathological motives, and it is also required that the will be able to order the decision into exectuion." **(Coram Pinto, Dicembru 18 1979, SRRDec 71 (1979) 587 - 588, iccitata fil-ktieb 'New Commentary on the Code of Canon Law' (Canon Law Society of America, New York, Paulist Press, 2000).***

Ikkunsidrat:

F’dan ir-rigward l-attur jaghmel is-segwenti sottomissjoni: “Illi kwantu ghal difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jidher li l-konvenuta fil-fatt kellha dan id-difett serju, proprju ghaliex fiz-zwieg baqghet tipprova taghmel dak li kieku kienet taghmel kieku ma zzewgitx. Gie stabbilit illi baqghet tohrog ma’ hbiebha sal-hinijiet bikrin ta’ filghodu, u dan anke meta gia’ twieled it-tifel ta’ bejn il-kontendenti. Dan hu kaz car ta’ persuna li ma fehmitx , anzi ma ddixxerniet xejn fuq dak li kien mehtieg minnha fil-hajja mizzewga.”[8]

Mill-atti ma jirrizultax illi l-konvenuta kienet tghix hajja ta’ hrug wahedha qabel ma zzewget u kompliet bi hrug wahedha wara li zzewget. Ghall-kuntrarju jirrizulta li fiz-zmien l-gherusija taghhom il-partijiet kienu jfittxu lil xulxin. Addirittura l-konvenuta tallega nuqqas ta’ fedelta’ da parti tal-attur waqt l-gherusija, liema allegazzjoni da parti tal-konvenuta pero’ ma gietx

[8] Fol. 97

sodisfacentement ippruvata. Jirrizulta illi l-hrug da parti tal-konvenuta ma’ shabha beda jsehh snin wara li l-partijiet kienu zzewgu. Il-Qorti ma tirriskontra l-ebda ness bejn il-hrug tal-konvenuta’ ma shabha li beda jsir snin wara li l-partijiet izzewgu u l-kunsens taghha fil-mument li l-partijiet iccelebraw iz-zwieg taghhom. Il-hrug da parti tal-konvenuta ma’ shabha beda jsir ghaliex iz-zwieg tal-partijiet beda jisfaxxa. M’ghandu l-ebda sinifikat probatorju ghall-finijiet tal-caput nullitatis in dizamina.

Il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha migjuba, hija tal-fehma li l-kunsens tal-partijiet fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg ma kien afflitt bl-ebda difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg - ma kien hemm l-ebda fatturi psikologici li setghu ostakolaw l-ghazla libera tal-partijiet u irrendihom inkapaci jaghtu kunsens validu. Iz-zewg partijeit kienu it-tnejn liberi u it-tnejn volontarjament dahlu ghaz-zwieg.

Fix-xhieda tieghu l-attur jikkontendi li z-zwieg tieghu mal-konvenuta huwa null peress li l-konvenuta *' kien hsiebha biss biex taghti priorita' lill-affarijiet ohra u mhux liz-zwieg taghna. Il-hrug mal-hbieb taghha wahidha sa kmieni fil-ghodu, il-glied kbir u frekwenti fuq il-politika wassalna sa sitwazzjoni fejn ma kienx aktar possibbli li bil-karattiri taghna, konna kif konna, naghmlu minn dan iz-zwieg success u nimxu 'l quddiem........kient qed tpoggi interessi partigghani taghha mhux biss qabel iz-zwieg taghna, izda addirittura qabel l-obbligi taghha ghall-familja. Jien jiddispjacieni li ma kontx indunajt kmieni b'dan l-aspett tal-karattru taghha, pero ma kienx hemm x'naghmlu aktar ghajr li nisseparraw.'*

Ir-ragunijiet li jaghti l-attur jikkwalifikaw bhala premessi ghal-separzzjoni personali, izda mhux sufficjenti sabiex jigi dikjarat zwieg null - il-hrug mall-hbieb kien wara l-glieda li l-partijiet kellhom wara li hareg ir-rizultat tar-Referendum kif gie konfermat ukoll mix-xhieda ta’ Mary Galea.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi iz-zewg partijiet taw kunsens validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi meta resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg. Il-lanjanzi tal-partijiet jinkwadraw bhala rilevanti f'kawza ta' tkissir taz-zwieg izda mhux ghal dikjarazzjoni ta' nullita ta' zwieg.

Rilevanti issir referenzza ghas-sentenza fl-ismijiet **MM Vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994 (Qorti tal-Appell Superjuri) fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le.

Filwaqt li l-konvenuta irrespingiet it-talbiet attrici kollha fejn gie pretiz li z-zwieg tal-partijiet kien null ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta; fl-istess hin sew fir-risposta guramentata taghha kif ukoll fin-nota ta’ sottomissjonijiet issostni li z-zwieg taghhom hu null ghal ragunijiet imputabbli esklussivament lill-attur. Ma tresqu l-ebda talbiet rikonvenzjonali fir-rigward u ghalhekk il-Qorti mhiex qed tippronunzja ruhha fir-rigward.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li resqet sabiex tirribatti t-talbiet attrici, tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------